IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 14.9.2016
COM(2016) 594 final

2016/0284 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi regoli dwar l-eżerċizzju tad-dritt tal-awtur u ta' drittijiet relatati li japplikaw għal ċerti trażmissjonijiet online tal-organizzazzjonijiet tax-xandir u għal trażmissjonijiet mill-ġdid tal-programmi tat-televiżjoni u tar-radju

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

{SWD(2016) 301 final}
{SWD(2016) 302 final}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Ir-raġunijiet għall-proposta u l-għanijiet tagħha

Bit-teknoloġiji diġitali jeħfiefu d-distribuzzjoni tax-xogħlijiet u ta' materjal protett ieħor, u l-aċċess għalihom; minn fost l-utenti Ewropej tal-internet, 49% jaċċessaw kontenut awdjoviżiv u mużikali u l-logħob online.[1]. Kulma jmur, ix-xandara u l-fornituri tas-servizzi tat-trażmissjoni mill-ġdid qed jinvestu aktar fl-iżvilupp ta' servizzi diġitali u online għad-distribuzzjoni tal-programmi tat-televiżjoni u tar-radju. B'mod partikolari l-offerti online tax-xandara jinkludu servizzi ta' xandir simultanju (meta stazzjonijiet tat-televiżjoni u tar-radju jxandru fuq l-internet fl-istess waqt li jkun għaddej ix-xandir tradizzjonali terrestri, bil-kejbil jew bis-satellita), servizzi ta' ripetizzjoni fuq it-televiżjoni[2] u podcasts. Għalkemm żdiedet il-varjetà tas-servizzi online, ħafna drabi l-programmi tax-xandara ma jibqgħux disponibbli online għaċ-ċittadini Ewropej li jgħixu fi Stati Membri oħra. Barra minn hekk, il-varjetà tal-istazzjonijiet tat-televiżjoni u tar-radju minn Stati Membri oħra li jipprovdu servizzi ta' trażmissjoni mill-ġdid, tvarja madwar l-UE.

L-organizzazzjonijiet tax-xandir kuljum ixandru għadd kbir ta' aħbarijiet, programmi kulturali, divertenti u politiċi, jew dokumentarji li jkun awtorizzahom ħaddieħor jew li jkunu pproduċew huma stess. Dawn il-programmi jkun fihom varjetà ta' kontenut protett bħal xogħol awdjoviżiv, mużikali, letterarju jew grafiku. Dan jeħtieġ awtorizzazzjoni kumplessa tad-drittijiet mingħand għadd kbir ta' detenturi tad-drittijiet. Ħafna drabi l-awtorizzazzjoni tad-drittijiet tkun meħtieġa fi żmien qasir, b'mod partikolari meta jkunu qed jitħejjew l-aħbarijiet jew programmi tal-ġrajjiet kurrenti. Sabiex is-servizzi tagħhom jagħmluhom disponibbli lil hinn mill-fruntieri, l-organizzazzjonijiet tax-xandir ikollhom bżonn id-drittijiet meħtieġa għat-territorji rilevanti u dan iżid il-kumplessità tal-awtorizzazzjoni tad-drittijiet. Għax-xandir bis-satellita, l-awtorizzazzjoni tad-drittijiet ħfiefet bl-applikazzjoni tal-prinċipju tal-pajjiż tal-oriġini li hemm imnaqqax fid-Direttiva dwar is-Servizzi bil-Kejbil u bis-Satellita (id-Direttiva 93/83/KEE), li skontu x-xandara jistgħu jawtorizzaw id-drittijiet fi Stat Membru wieħed biss. Din id-Direttiva ma tapplikax meta x-xandar jawtorizza drittijiet għas-servizzi online tiegħu.

L-operaturi tas-servizzi tat-trażmissjoni mill-ġdid, li jiġbru għadd kbir ta' stazzjonijiet tat-televiżjoni u tar-radju f'pakketti, iħabbtu wiċċhom ukoll ma' diffikultajiet biex jiksbu d-drittijiet kollha meħtieġa biex jerġgħu jittrażmettu l-programmi tat-televiżjoni u tar-radju tal-organizzazzjonijiet tax-xandir. Id-Direttiva dwar is-Servizzi bil-Kejbil u bis-Satellita tipprevedi sistema ta' mmaniġġjar kollettiv obbligatorju għat-trażmissjonijiet mill-ġdid bil-kejbil ta' xandiriet televiżivi u radjofoniċi minn Stati Membri oħra. Din is-sistema tiffaċilita l-awtorizzazzjoni tad-drittijiet u ma testendix għas-servizzi tat-trażmissjoni mill-ġdid provduti b'mezzi oħra għajr il-kejbil permezz ta' netwerks tal-komunikazzjoni elettronika magħluqin, bħall-IPTV (televiżjoni/radju magħluq f'netwerks taċ-ċirkwit ibbażati fuq l-IPs). Għaldaqstant l-operaturi ta' dawn is-servizzi tat-trażmissjoni mill-ġdid iġorru piż tqil tal-awtorizzazzjoni tad-drittijiet biex ikunu jistgħu jipprovdu s-servizzi tagħhom, b'mod partikolari meta dawn jerġgħu jittrażmettu xandiriet televiżivi u radjofoniċi minn Stati Membri oħra.

Din il-proposta għandha l-għan li tadatta l-qafas ġuridiku tal-Unjoni biex tippromwovi l-forniment transfruntier ta' servizzi online anċillari għax-xandiriet u li tiffaċilita t-

[1] [1]Sors: Il-Eurostat, 'Community survey on ICT usage in households and by individuals', 2014.

[2] Il-kunċett ta' "ripetizzjoni" fuq it-televiżjoni, meta l-konsumaturi jkunu jistgħu jaraw il-programmi xħin jixtiequ huma, ġeneralment ikun ibbażat fuq awtorizzazzjoni tad-drittijiet għall-ipprogrammar li tkun miftuħa għal żmien limitat, tipikament minn 7 sa 30 jum wara t-trażmissjoni.

trażmissjonijiet mill-ġdid diġitali fuq netwerks magħluqin ta' programmi tat-televiżjoni u tar-radju li joriġinaw fi Stati Membri oħra. Din tindirizza d-diffikultajiet relatati mal-awtorizzazzjoni tad-drittijiet u b'hekk toħloq il-kundizzjonijiet biex ix-xandara u l-operaturi tas-servizzi tat-trażmissjoni mill-ġdid ikunu jistgħu joffru aċċess usa' għall-programmi tat-televiżjoni u tar-radju madwar l-UE. Minħabba f'hekk, din il-proposta se tippromwovi l-aċċess tal-konsumaturi għal aktar programmi tat-televiżjoni u tar-radju li joriġinaw fi Stati Membri oħra, kemm fejn jidħlu s-servizzi online anċillari tal-organizzazzjonijiet tax-xandir u anki s-servizzi tat-trażmissjoni mill-ġdid. Il-proposta ddaħħal approċċ komuni fl-Unjoni filwaqt li żżomm livell għoli ta' protezzjoni għad-detenturi tad-drittijiet. B'hekk, din tikkontribwixxi għall-funzjonament tas-suq intern bħala żona mingħajr fruntieri interni.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti f'dan il-qasam ta' politika**

L-Istrateġija tas-Suq Uniku Diġitali[3] tipproponi firxa ta' inizjattivi bil-għan li jinħoloq suq intern għall-kontenut u s-servizzi diġitali. F'Diċembru 2015, il-Kummissjoni għamlet l-ewwel pass bil-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-iżgurar tal-portabbiltà transfruntier tas-servizzi tal-kontenut online fis-suq intern[4].

Din il-proposta twieġeb wieħed mill-għanijiet ewlenin identifikati fl-Istrateġija tas-Suq Uniku Diġitali: li jissaħħaħ l-aċċess online usa' għall-programmi tat-televiżjoni u tar-radju mill-utenti madwar l-UE. Jekk issir promozzjoni tal-forniment transfruntier tas-servizzi online anċillari għax-xandiriet u jeħfiefu t-trażmissjonijiet mill-ġdid tal-programmi tat-televiżjoni u tar-radju li joriġinaw fi Stati Membri oħra, ikun sar pass sinifikanti li jindirizza ostaklu speċifiku għall-aċċess transfruntier għall-kontenut imxandar għall-benefiċċju tal-utenti.

Din il-proposta hi konsistenti mal-istrumenti legali fil-qasam tad-drittijiet tal-awtur, b'mod partikolari d-Direttiva 93/83/KEE, id-Direttiva 2001/29/KE, id-Direttiva 2006/115/KE u d-Direttiva 2014/26/UE. Dawk id-Direttivi, kif ukoll din il-proposta, jikkontribwixxu għall-funzjonament tas-suq intern, jiżguraw livell għoli ta' protezzjoni għad-detenturi tad-drittijiet u jiffaċilitaw l-awtorizzazzjoni tad-drittijiet.

Din il-proposta tikkontribwixxi wkoll għat-titjib fit-twassil transfruntier tas-servizzi tal-midja awdjoviżivi u għalhekk tikkumplimenta lid-Direttiva 2010/13/UE[5].

- **Konsistenza ma' politiki oħrajn tal-Unjoni**

Skont l-Artikolu 167 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (it-TFUE), l-Unjoni għandha tqis l-aspetti kulturali fl-azzjoni tagħha skont it-Trattati. Din il-proposta tiffaċilita l-aċċess għall-programmi tat-televiżjoni u tar-radju u b'hekk ittejjeb l-aċċess għall-kontenut kulturali, l-aħbarijiet u l-informazzjoni.

Din il-proposta tikkontribwixxi għall-promozzjoni tal-interessi tal-konsumaturi billi tippromwovi aktar aċċess għall-programmi tat-televiżjoni u tar-radju minn Stati Membri oħra u għalhekk hija konsistenti mal-politiki tal-UE fil-qasam tal-protezzjoni tal-konsumaturi u mal-Artikolu 169 tat-TFUE.

[3] COM(2015) 192 final.
[4] COM(2015) 627 final.
[5] ĠU L 95, 15.4.2010, p. 1-24.

2. IL-BAŻI ĠURIDIKA, IS-SUSSIDJARJETÀ U L-PROPORZJONALITÀ

- **Il-bażi ġuridika**

Il-proposta għal Regolament hija bbażata fuq l-Artikolu 114 tat-TFUE. Dan l-Artikolu jagħti s-setgħa lill-UE biex tadotta miżuri li bħala għan għandhom it-twaqqif u l-funzjonament tas-suq intern. Dan jinkludi l-libertà li jingħataw u jinkisbu servizzi.

L-UE armonizzat id-drittijiet li huma rilevanti għat-tixrid online tax-xogħlijiet u ta' materjal protett ieħor kif ukoll għat-trażmissjoni mill-ġdid tal-programmi tat-televiżjoni u tar-radju (notevolment id-drittijiet tar-riproduzzjoni, tal-komunikazzjoni lill-pubbliku u tad-disponibbiltà) fid-Direttiva 2001/29.

Din il-proposta għal Regolament għandha x'taqsam mat-tħaffif tal-awtorizzazzjoni tad-drittijiet għal servizzi online anċillari mill-organizzazzjonijiet tax-xandir billi ddaħħal il-prinċipju tal-pajjiż tal-oriġini, li skontu l-att rilevanti tad-drittijiet tal-awtur isseħħ biss fl-Istat Membru fejn tkun stabbilita l-organizzazzjoni tax-xandir. Din tiffaċilita wkoll l-awtorizzazzjoni tad-drittijiet għal servizzi tat-trażmissjoni mill-ġdid provduti b'netwerks magħluqin (għajr il-kejbil), billi tintroduċi regoli dwar l-immaniġġjar kollettiv obbligatorju. Il-proposta għandha l-għan li fost l-oħrajn tqis il-bidliet fit-teknoloġija li jeħtieġu l-adattament tal-qafas ġuridiku armonizzat qabel.

L-istrument propost hu Regolament għax hemm bżonn li jkun żgurat li r-regoli jilħqu l-għan b'mod uniformi u li jkunu applikabbli direttament.

- **Is-sussidjarjetà (għal kompetenza mhux esklussiva)**

Essenzjalment, il-kwistjoni li tindirizza din il-proposta, jiġifieri l-aċċess usa' għall-programmi tat-televiżjoni u tar-radju għaċ-ċittadini madwar l-Unjoni, għandha natura transfruntiera. Bi strument tal-Unjoni biss tista' tiġi stabbilita regola li tapplika l-prinċipju tal-pajjiż tal-oriġini għat-trażmissjonijiet transfruntieri tal-programmi tat-televiżjoni u tar-radju. Fejn jidħol l-eżerċizzju tad-drittijiet tat-trażmissjoni mill-ġdid, bi strument tal-Unjoni biss tista' titneħħa l-frammentazzjoni eżistenti tas-suq fil-mod kif dawn id-drittijiet jiġu mmaniġġjati għas-servizzi tat-trażmissjoni mill-ġdid diġitali, u b'hekk tkun żgurata ċ-ċertezza legali għall-operaturi tat-trażmissjoni mill-ġdid. Madankollu, ċerti dispożizzjonijiet speċifiċi li għandhom x'jaqsmu mal-applikazzjoni tal-immaniġġjar kollettiv obbligatorju għas-servizzi tat-trażmissjoni mill-ġdid diġitali provduti b'netwerks magħluqin għandhom jiddeterminawhom l-Istati Membri.

- **Il-proporzjonalità**

Il-proposta tistabbilixxi mekkaniżmi ta' appoġġ ħalli tiffaċilita l-awtorizzazzjoni tad-drittijiet tal-awtur u ta' drittijiet relatati fejn jidħlu ċerti tipi ta' trażmissjonijiet online u trażmissjonijiet mill-ġdid tal-programmi tat-televiżjoni u tar-radju, b'netwerks magħluqin. Din hi mmirata u tkopri biss oqsma speċifiċi tas-suq (servizzi online anċillari tax-xandara u ċerti servizzi ta' trażmissjoni mill-ġdid provduti bl-IPTV u b'netwerks tal-komunikazzjoni elettronika "magħluqin" oħrajn) filwaqt li xi servizzi oħrajn (bħas-servizzi on-demand li mhumiex marbutin ma' xi xandira) huma 'l barra mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha. Barra minn hekk, il-proposta ma tobbliga lill-ebda organizzazzjoni tax-xandir biex tipprovdi s-servizzi online anċillari tagħha bejn il-fruntieri, u lanqas ma tobbliga lill-operaturi tas-servizzi tat-trażmissjoni mill-ġdid biex joffru programmi minn Stati Membri oħra. Il-proposta ma timpedix l-eżerċizzju tal-libertà kuntrattwali tal-partijiet milli jillimitaw l-isfruttament tad-drittijiet affettwati bil-prinċipju tal-pajjiż tal-oriġini applikat b'konformità mal-liġi tal-Unjoni.

Fejn tidħol ir-regola tal-pajjiż tal-oriġini applikabbli għall-awtorizzazzjoni tad-drittijiet għal servizzi online anċillari tax-xandara, din tillokalizza biss l-atti rilevanti tad-drittijiet tal-awtur għall-finijiet tal-eżerċitar tad-drittijiet (eż. l-akkwist ta' liċenzja). Għalhekk il-pajjiż tal-oriġini

ma jaffettwax il-lokalizzazzjoni tal-atti rilevanti tad-drittijiet tal-awtur meta d-drittijiet ma jkunux ġew awtorizzati (jiġifieri fil-każ ta' trażmissjonijiet mhux awtorizzati).

Fejn jidħlu d-drittijiet tat-trażmissjoni mill-ġdid, il-proposta taffettwa biss l-eżerċizzju tad-drittijiet tat-trażmissjoni mill-ġdid filwaqt li dawn id-drittijiet tħallihom intatti. Barra minn hekk, il-proposta tkopri t-trażmissjonijiet mill-ġdid fejn għandhom x'jaqsmu l-programmi tat-televiżjoni u tar-radju li joriġinaw fi Stati Membri oħra.

- **L-għażla tal-istrument**

Regolament hu applikabbli direttament fl-Istati Membri u għalhekk dan l-istrument jiżgura applikazzjoni uniformi tar-regoli madwar l-Unjoni u li jidħlu fis-seħħ fl-istess ħin. Dan jippermetti li l-forniturі tas-servizzi li joperaw f'territorji differenti jkunu żgurati ċertezza legali sħiħa. L-applikabbiltà diretta tad-dispożizzjonijiet ta' din il-proposta tevita l-frammentazzjoni legali u tipprovdi sett ta' regoli armonizzati biex jeħfief il-forniment transfruntier tal-programmi tat-televiżjoni u tar-radju u tas-servizzi tat-trażmissjoni mill-ġdid.

3. IR-RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX-POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET TAL-PARTIJIET KONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex-post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Il-Kummissjoni għamlet evalwazzjoni tad-Direttiva 93/83/KEE[6] u b'mod partikolari tal-effettività u tar-rilevanza tal-prinċipju tal-pajjiż tal-oriġini kif japplika għat-trażmissjonijiet bis-satellita u tar-regoli dwar l-immaniġġjar kollettiv obbligatorju għat-trażmissjonijiet mill-ġdid bil-kejbil. L-evalwazzjoni turi li dawn il-mekkaniżmi jiffaċilitaw l-awtorizzazzjoni tad-drittijiet tal-awtur u ta' drittijiet relatati għal xandiriet transfruntieri bis-satellita u għal trażmissjonijiet mill-ġdid simultanji bil-kejbil ta' xandiriet minn Stati Membri oħra. Iżda din toħroġ fid-dieher li d-Direttiva 93/83/KEE – minħabba n-natura speċifika għat-teknoloġiji li għandhom id-dispożizzjonijiet tagħha – ma tapplikax għat-teknoloġiji diġitali l-ġodda li jintużaw għat-trażmissjoni u għat-trażmissjoni mill-ġdid tal-programmi tat-televiżjoni u tar-radju u li żviluppaw fl-aħħar snin.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet konċernati**

Bejn l-24 ta' Awwissu u s-16 ta' Novembru 2015[7] saret konsultazzjoni pubblika dwar ir-rieżami tad-Direttiva 93/83/KEE. Din talbet rispons dwar il-funzjonament tar-regoli relatati mal-awtorizzazzjoni tad-drittijiet għax-xandara bis-satellita u għall-operaturi tal-kejbil, u analizzat jekk hemmx bżonn li dawn ir-regoli jitwessgħu għat-trażmissjonijiet online u għat-trażmissjonijiet mill-ġdid b'mezzi oħra għajr il-kejbil. Barra minn hekk, bejn l-2015 u l-2016, il-Kummissjoni kellha diskussjonijiet estensivi mal-partijiet konċernati (xandara pubbliċi u kummerċjali, operaturi tat-telekomunikazzjoni, detenturi tad-drittijiet u organizzazzjonijiet tal-immaniġġjar kollettiv (CMOs)) biex tiddiskuti kwistjonijiet relatati mat-trażmissjonijiet online u mat-trażmissjonijiet mill-ġdid tal-programmi tat-televiżjoni u tar-radju.

Ġeneralment, il-konsumaturi huma favur estensjoni wiesgħa tal-prinċipju tal-pajjiż tal-oriġini b'mod li jkun ikopri s-servizzi online kollha, anki jekk xi whud jidhrilhom li dan il-mekkaniżmu jaf ma jkunx biżżejjed biex jiżgura l-aċċess transfruntier. Ix-xandara tas-servizz

6 [6]Ara l-Evalwazzjoni (REFIT) *ex-post* tad-Direttiva dwar is-Servizzi bil-Kejbil u bis-Satellita (id-Direttiva 93/83/KEE).

7 Ara r-Rapport fil-Qosor fuq ir-Rispons għall-Konsultazzjoni Pubblika dwar ir-Rieżami tad-Direttiva dwar is-Servizzi bil-Kejbil u bis-Satellita https://ec.europa.eu/digital-single-market/en/news/full-report-public-consultation-review-eu-satellite-and-cable-directive

pubbliku kollha u r-radjijiet kummerċjali talbu biex il-prinċipju tal-pajjiż tal-oriġini jiġi applikat għas-servizzi online relatati max-xandir. Min-naħa l-oħra, ix-xandara kummerċjali, id-detenturi tad-drittijiet u l-organizzazzjonijiet tal-immaniġġjar kollettiv esprimew riżervi qawwija fuq l-estensjoni tal-applikazzjoni tal-prinċipju tal-pajjiż tal-oriġini. Dawn jidhrilhom li estensjoni bħal din tillimita l-abbiltà tagħhom biex jilliċenzjaw id-drittijiet fuq bażi territorjali.

Il-konsumaturi, l-operaturi tat-telekomunikazzjoni u tal-kejbil, ix-xandara tas-servizz pubbliku u l-maġġoranza vasta tal-organizzazzjonijiet tal-immaniġġjar kollettiv jaqblu ma' eventwali estensjoni tal-immaniġġjar kollettiv obbligatorju għat-trażmissjonijiet mill-ġdid simultanji tal-programmi tat-televiżjoni u tar-radju fuq pjattaformi oħra għajr il-kejbil. Ħafna organizzazzjonijiet tal-immaniġġjar kollettiv u xandara tas-servizz pubbliku kif ukoll xi operaturi tat-telekomunikazzjoni u tal-kejbil jinsistu li estensjoni għandha tkun limitata għal "ambjenti magħluqin" li jiffunzjonaw b'mod paragunabbli mal-kejbil. Ħafna mid-detenturi tad-drittijiet huma kontra eventwali estensjoni tar-reġim tal-immaniġġjar kollettiv obbligatorju minħabba l-effetti negattivi potenzjali fuq is-swieq. Anki x-xandara kummerċjali jidher li qed jopponuha.

Il-miżuri previsti f'din il-proposta jqisu għadd ta' tħassib li wrew il-partijiet konċernati, b'mod partikolari fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni tal-estensjoni tal-prinċipju tal-pajjiż tal-oriġini (eż. is-servizzi tal-VoD tax-xandara huma 'l barra mill-kamp ta' applikazzjoni u l-intervent għandu x'jaqsam biss mal-awtorizzazzjoni tad-drittijiet meħtieġa għas-servizzi online anċillari) u tal-mekkaniżmu tal-immaniġġjar kollettiv obbligatorju tad-drittijiet (li hu limitat għan-netwerks magħluqin).

- **Il-ġbir u l-użu tal-għarfien espert**

Saru studji legali[8] u ekonomiċi[9] fuq l-applikazzjoni tar-regoli tal-UE dwar id-drittijiet tal-awtur fl-ambjent diġitali (b'mod partikolari fir-rigward tat-trażmissjonijiet online u tat-trażmissjonijiet mill-ġdid b'netwerks diġitali). Barra minn hekk, fl-2015/2016 sar studju biex jappoġġa l-evalwazzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi bil-Kejbil u bis-Satellita u l-valutazzjoni tal-eventwali estensjoni tagħha[10].

- **Il-valutazzjoni tal-impatt**

Għal din il-proposta saret valutazzjoni tal-impatt[11]. Fit-22 ta' Lulju 2016, il-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju ta opinjoni pożittiva dwar il-ħsieb li l-valutazzjoni tal-impatt se tkompli tittejjeb[12]. Il-Valutazzjoni tal-Impatt finali tinkludi l-kummenti ta' din l-opinjoni.

Il-valutazzjoni tal-impatt tistħarreġ żewġ settijiet ta' alternattivi ta' politika bil-għan li teħfief l-awtorizzazzjoni tad-drittijiet (i) għat-trażmissjonijiet online tal-programmi tat-televiżjoni u

8 [8]Studju fuq l-applikazzjoni tad-Direttiva 2001/29/KE dwar id-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà tal-informazzjoni (b'mod partikolari ara l-parti dwar ir-"retransmission of copyright-protected content in digital networks", jiġifieri dwar it-trażmissjoni mill-ġdid ta' kontenut protett bid-drittijiet tal-awtur fin-netwerks diġitali): http://ec.europa.eu/internal_market/copyright/studies/index_en.htm; Studju dwar id-dritt tad-disponibbiltà u r-rabta tiegħu mad-dritt tar-riproduzzjoni għal trażmissjonijiet diġitali transfruntieri: http://ec.europa.eu/internal_market/copyright/docs/studies/141219-study_en.pdf

9 [9]Analiżi Ekonomika tat-Territorjalità tad-Dritt tad-Disponibbiltà fl-UE: http://ec.europa.eu/internal_market/copyright/docs/studies/1403_study1_en.pdf

10 Stħarriġ u ġbir tad-dejta li jappoġġaw l-evalwazzjoni tad-Direttiva 93/83/KEE dwar is-Servizzi bil-Kejbil u bis-Satellita u l-valutazzjoni tal-eventwali estensjoni tagħha, 2016 [*Add reference when published*].

11 [11][*Add link to IA and Executive Summary*]

12 [12][*Add link to RSB opinion*]

tar-radju; u (ii) għat-trażmissjonijiet mill-ġdid diġitali tal-programmi tat-televiżjoni u tar-radju.

Fejn jidħlu t-trażmissjonijiet online tal-programmi tat-televiżjoni u tar-radju, ġew eżaminati tliet alternattivi ta' politika minbarra x-xenarju bażi. Alternattiva mhux leġiżlattiva (l-Alternattiva 1), li tikkonsisti fil-promozzjoni ta' ftehimiet volontarji biex teħfief l-awtorizzazzjoni tad-drittijiet għal ċerti servizzi online tax-xandara, ingħatat il-ġenb għax l-eżitu tagħha hu inċert, jiddependi fuq ir-rieda tal-partijiet konċernati biex jilliċenzjaw id-drittijiet, u ma jiżgurax reġim tal-liċenzjar omoġenju. L-applikazzjoni tal-prinċipju tal-pajjiż tal-oriġini għat-trażmissjonijiet online ġiet eżaminata permezz ta' żewġ alternattivi leġiżlattivi: bl-Alternattiva 2, il-kamp ta' applikazzjoni ikun limitat għas-servizzi online tax-xandara li huma anċillari għall-ewwel xandiriet (notevolment is-servizzi tax-xandir simultanju u s-servizzi tar-ripetizzjoni); bl-Alternattiva 3, l-applikazzjoni tiġi estiża għat-trażmissjonijiet online li mhumiex marbutin ma' xi xandira (is-servizzi tal-webcasting). L-Alternattiva 2 tnaqqas ġmielu l-ispejjeż tat-transazzjoni li jġarrbu x-xandara li huma lesti jagħmlu t-trażmissjonijiet tagħhom disponibbli online u bejn il-fruntieri. Fil-prinċipju, l-Alternattiva 3 għandha testendi dawn il-benefiċċji għall-webcasters; madankollu, meta jitqies li s-suq tal-webcasting għadu fi stadju ta' żvilupp u li l-operaturi online jistgħu jċaqilqu faċilment l-istabbiliment tagħhom fl-UE, din toħloq ukoll ċerta inċertezza legali għad-detenturi tad-drittijiet u tista' twassal biex jonqos il-livell tal-protezzjoni. Għalhekk l-Alternattiva 3 ngħatat il-ġenb. L-Alternattiva 2, jiġifieri l-applikazzjoni tal-prinċipju tal-pajjiż tal-oriġini biss għal ċerti servizzi online identifikati sew tax-xandara, tqieset aktar xierqa. Din l-alternattiva tnaqqas l-ispejjeż tat-transazzjoni relatati mat-trażmissjonijiet transfruntieri u għalhekk tiftaħ opportunitajiet ġodda għax-xandara biex joffru s-servizzi online tagħhom bejn il-fruntieri, b'mod partikolari fejn jidħol il-kontenut li ma għandux esklussività territorjali. Din l-alternattiva ma żżommx lid-detenturi tad-drittijiet u lix-xandara milli jkomplu jilliċenzjaw id-drittijiet fuq bażi territorjali, soġġetta għar-rekwiżiti tal-liġi nazzjonali u tal-UE.

Fejn jidħlu t-trażmissjonijiet mill-ġdid diġitali tal-programmi tat-televiżjoni u tar-radju tqiesu żewġ alternattivi ta' politika, minbarra x-xenarju bażi. Bl-Alternattiva 1, il-kamp ta' applikazzjoni tal-immaniġġjar kollettiv obbligatorju tad-drittijiet ikun limitat għas-servizzi tat-trażmissjoni mill-ġdid tal-IPTV u għal servizzi oħrajn tat-trażmissjoni mill-ġdid provduti b'netwerks tal-komunikazzjoni elettronika "magħluqin", filwaqt li bl-Alternattiva 2 il-kamp ta' applikazzjoni tal-immaniġġjar kollettiv obbligatorju tad-drittijiet ikun ikopri wkoll is-servizzi tat-trażmissjoni mill-ġdid over-the-top meta dawn jiġu provduti lil għadd definit ta' utenti. Għalkemm bl-Alternattiva 2 hemm firxa usa' ta' servizzi tat-trażmissjoni mill-ġdid li jibbenefikaw minn inqas spejjeż tat-transazzjoni għall-awtorizzazzjoni tad-drittijiet, din iġġib magħha ċerti riskji li jimminaw id-drittijiet online esklussivi tad-detenturi tad-drittijiet u l-istrateġiji tad-distribuzzjoni, u b'hekk jonqos id-dħul mil-liċenzjar. L-Alternattiva 1 ma ppreżentatx dan ir-riskju għax il-biċċa l-kbira tas-servizzi tat-trażmissjoni mill-ġdid provduti b'netwerks tal-komunikazzjoni elettronika "magħluqin" jistrieħu fuq l-infrastrutturi stabbiliti li jkun hemm f'xi territorju partikolari. L-Alternattiva 1 intgħażlet bħala l-alternattiva preferuta. Din mistennija żżid l-għażla tal-konsumaturi mil-lat ta' servizzi tat-trażmissjoni mill-ġdid tax-xandiriet televiżivi u radjofoniċi minn Stati Membri oħra.

Il-proposta hi mistennija tagħti riżultati pożittivi mil-lat ta' benefiċċji u spejjeż. Għandhom jonqsu l-ispejjeż tat-transazzjoni assoċjati mal-awtorizzazzjoni tad-drittijiet u b'hekk din l-alternattiva tiffavorixxi għażla aħjar għall-konsumaturi mingħajr ma tolqot ħażin lid-detenturi tad-drittijiet. Barra minn hekk, il-proposta jaf toħloq opportunitajiet ġodda tal-liċenzjar għad-detenturi tad-drittijiet u dħul addizzjonali mil-liċenzjar.

- **L-idoneità regolatorja u s-simplifikazzjoni**

Il-proposta se tnaqqas l-ispejjeż tat-transazzjoni li jġarrbu x-xandara tat-televiżjoni u tar-radju kif ukoll il-forniturі tas-servizzi tat-trażmissjoni mill-ġdid, u għalhekk hi pożittiva għall-SMEs attivi f'dan il-qasam. Din mistennija wkoll tkun ta' benefiċċju għad-detenturi tad-drittijiet, l-aktar għad-detenturi tad-drittijiet individwali, il-mikrointrapriżi u l-SMEs li ma għandhomx il-kapaċità jimmaniġġjaw ftehimiet individwali tal-liċenzjar ma' għadd kbir ta' forniturі tas-servizzi f'territorji differenti. Għalhekk jidher li la hemm bżonn eżenzjonijiet għall-mikrokumpaniji u lanqas miżuri ta' mitigazzjoni favur l-SMEs.

L-iżviluppi teknoloġiċi l-ġodda ġew eżaminati bir-reqqa u tqiesu f'din il-proposta, li tiffoka fuq it-trażmissjonijiet online u t-trażmissjonijiet mill-ġdid diġitali tal-programmi tat-televiżjoni u tar-radju. Ċerti tipi ta' servizzi tat-trażmissjoni online u tat-trasmissjoni mill-ġdid tħallew barra mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din il-proposta, l-aktar minħabba l-inċertezza marbuta mal-iżviluppi attwali fis-suq u n-natura bikrija ta' ċerti servizzi.

- **Id-drittijiet fundamentali**

Il-proposta tistabbilixxi reġimi tal-liċenzjar li japplikaw għal ċerti tipi ta' trażmissjonijiet online transfruntieri u trażmissjonijiet mill-ġdid b'netwerks magħluqin, u b'hekk se jkollha impatt limitat fuq id-drittijiet tal-awtur bħala dritt tal-proprjetà jew fuq il-libertà ta' intrapriża, protetti bl-Artikoli 17 u 16 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Fl-istess ħin, il-proposta se jkollha impatt pożittiv fuq il-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni, protetta bl-Artikolu 11 tal-Karta, għax din se żżid il-forniment u r-riċeviment transfruntieri tal-programmi tat-televiżjoni u tar-radju li joriġinaw fi Stati Membri oħra.

4. L-IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta ma għandha l-ebda impatt fuq il-baġit tal-Unjoni Ewropea.

5. ELEMENTI OĦRAJN

- **Il-pjanijiet ta' implimentazzjoni u l-arranġamenti għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rappurtar**

L-ewwel ġbir tad-dejta għandu jsir meta r-Regolament jidħol fis-seħħ ħalli dan jistabbilixxi l-bażi għall-evalwazzjonijiet futuri. Imbagħad il-proċess tal-monitoraġġ jiffoka fuq il-progress li jkun sar b'rabta mad-disponibbiltà transfruntiera tal-programmi tat-televiżjoni u tar-radju, filwaqt li l-ġbir tad-dejta jsir kull sentejn sa tlieta.

B'konformità mal-Artikolu 6 tal-proposta, il-Kummissjoni se tagħmel rieżami tar-Regolament u se tippreżenta rapport fuq is-sejbiet ewlenin lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew. Dak ir-rapport se jkun fih valutazzjoni tal-effetti tar-Regolament fuq l-aċċessibbiltà transfruntiera tas-servizzi online anċillari. Ir-rieżami għandu jsir skont il-Linji Gwida tal-Kummissjoni għal Regolamentazzjoni Aħjar.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

L-Artikolu 1 jiddefinixxi s-servizzi koperti bil-miżuri (b'mod partikolari s-"servizzi online anċillari" u s-servizzi tat-"trażmissjoni mill-ġdid"). Dawn id-definizzjonijiet se jiġu applikati b'mod uniformi fl-Unjoni.

L-Artikolu 2 jistabbilixxi li l-atti tad-drittijiet tal-awtur li huma rilevanti għall-forniment tas-servizz online anċillari se jseħħu biss fl-Istat Membru fejn hi stabbilita l-organizzazzjoni tax-xandir. Il-kunċett ta' "stabbiliment ewlieni" ta' organizzazzjoni tax-xandir ikun b'konformità mal-liġi tal-Unjoni.

L-Artikoli 3 u 4 jirregolaw l-eżerċizzju tad-dritt tat-trażmissjoni mill-ġdid li tkopri l-proposta. Dawn jistabbilixxu regoli li huma simili għal dawk stabbiliti fl-Artikoli 9 u 10 tad-Direttiva 93/83/KE fir-rigward tat-trażmissjonijiet mill-ġdid bil-kejbil. L-Artikolu 3 jagħti ċerta diskrezzjoni lill-Istati Membri bħalma jiġri fil-każ tat-trażmissjoni mill-ġdid bil-kejbil skont id-Direttiva 93/83/KE. L-Artikoli 3 u 4 jinkludu dispożizzjonijiet dwar l-immaniġġjar kollettiv obbligatorju tad-drittijiet tal-awtur u ta' drittijiet relatati li huma rilevanti għat-trażmissjoni mill-ġdid, dwar preżunzjonijiet legali ta' rappreżentazzjoni mill-organizzazzjonijiet tal-immaniġġjar kollettiv u dwar l-eżerċizzju tal-dritt tat-trażmissjoni mill-ġdid bil-kejbil mill-organizzazzjonijiet tax-xandir.

L-Artikolu 5 jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet tranżitorji.

L-Artikolu 6 jipprovdi li l-Kummissjoni għandha twettaq rieżami ta' dan ir-Regolament u tippreżenta rapport fuq is-sejbiet ewlenin tiegħu. Dan jobbliga lill-Istati Membri biex jipprovdu lill-Kummissjoni l-informazzjoni kollha meħtieġa għat-tħejjija tar-rapport.

L-Artikolu 7 jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet finali, jiġifieri d-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament u minn meta għandu japplika.

2016/0284 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi regoli dwar l-eżerċizzju tad-dritt tal-awtur u ta' drittijiet relatati li japplikaw għal ċerti trażmissjonijiet online tal-organizzazzjonijiet tax-xandir u għal trażmissjonijiet mill-ġdid tal-programmi tat-televiżjoni u tar-radju

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[13],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[14],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Bħala kontribut għall-funzjonament tas-suq intern, hemm bżonn li jitwessa' t-tixrid tal-programmi tat-televiżjoni u tar-radju li joriġinaw fi Stati Membri oħra għall-benefiċċju tal-utenti madwar l-Unjoni, billi jeħfief il-liċenzjar tad-drittijiet tal-awtur u ta' drittijiet relatati għal xogħlijiet u materjal protett ieħor li jkun fihom ix-xandiriet ta' programmi bħal dawn. Fil-fatt, il-programmi tat-televiżjoni u tar-radju huma mezz importanti li jippromwovi d-diversità kulturali u lingwistika, il-koeżjoni soċjali u l-aċċess għall-informazzjoni.

(2) L-iżvilupp tat-teknoloġiji diġitali u l-internet biddlu d-distribuzzjoni tal-programmi tat-televiżjoni u tar-radju u l-aċċess għalihom. Kulma jmur l-utenti qed jistennew dejjem aktar li jkollhom aċċess għall-programmi tat-televiżjoni u tar-radju kemm diretti kif ukoll on-demand, permezz ta' mezzi tradizzjonali bħas-satellita jew il-kejbil u anki b'servizzi online. Għaldaqstant, minbarra x-xandiriet tagħhom stess tal-programmi tat-televiżjoni u tar-radju, kulma jmur l-organizzazzjonijiet tax-xandir qed joffru dejjem aktar servizzi online anċillari għax-xandir tagħhom, bħalma huma s-servizzi tax-xandir simultanju u s-servizzi tar-ripetizzjoni. L-operaturi tas-servizzi tat-trażmissjoni mill-ġdid li jiġbru l-programmi tat-televiżjoni u tar-radju f'pakketti u jipprovduhom lill-utenti waqt l-ewwel trażmissjoni tax-xandira, mingħajr bidla u mingħajr tqassir, jużaw diversi tekniki tat-trażmissjoni mill-ġdid bħall-kejbil, is-satellita, it-terrestri diġitali, netwerks taċ-ċirkwit magħluqin ibbażati fuq l-IPs jew netwerks mobbli kif ukoll l-internet miftuħ. Min-naħa tal-utenti, kulma jmur qed tiżdied id-domanda għal aċċess għal xandiriet tal-programmi tat-televiżjoni u tar-radju

[13] ĠU C , , p. .
[14] ĠU C , , p. .

li ma joriġinawx biss fl-Istat Membru tagħhom iżda anki fi Stati Membri oħra tal-UE, fosthom mingħand membri tal-minoranzi lingwistiċi tal-Unjoni u mingħand persuni li jgħixu fi Stat Membru ieħor li mhux l-Istat Membru tal-oriġini tagħhom.

(3) Hemm bosta ostakli li jfixklu l-forniment tas-servizzi online anċillari għax-xandiriet u l-forniment tas-servizzi tat-trażmissjoni mill-ġdid, u b'hekk ixekklu l-moviment liberu tal-programmi tat-televiżjoni u tar-radju fi ħdan l-Unjoni. L-organizzazzjonijiet tax-xandir jittrażmettu kuljum ħafna sigħat ta' aħbarijiet, programmi kulturali, divertenti jew politiċi, jew dokumentarji, Dawn il-programmi jkun fihom varjetà ta' kontenut bħal xogħol awdjoviżiv, mużikali, letterarju jew grafiku li hu protett bid-drittijiet tal-awtur u/jew bi drittijiet relatati skont il-liġi tal-Unjoni. Dan joħloq proċess kumpless biex tinkiseb l-awtorizzazzjoni tad-drittijiet mingħand għadd kbir ta' detenturi tad-drittijiet u għal kategoriji differenti ta' xogħlijiet u ta' materjal protett ieħor. Ħafna drabi l-awtorizzazzjoni tad-drittijiet tkun meħtieġa fi żmien qasir, b'mod partikolari meta jkunu qed jitħejjew l-aħbarijiet jew programmi tal-ġrajjiet kurrenti. Sabiex is-servizzi tagħhom jagħmluhom disponibbli lil hinn mill-fruntieri, l-organizzazzjonijiet tax-xandir ikollhom bżonn id-drittijiet meħtieġa għal xogħlijiet u materjal protett ieħor għal kull territorju rilevanti u dan iżid il-kumplessità tal-awtorizzazzjoni tad-drittijiet.

(4) L-operaturi tas-servizzi tat-trażmissjoni mill-ġdid, li normalment joffru bosta programmi li jużaw diversi xogħlijiet u materjal protett ieħor li jkunu inklużi fil-programmi tat-televiżjoni u tar-radju trażmessi mill-ġdid, ikollhom żmien qasir ħafna biex jiksbu l-liċenzji meħtieġa u għalhekk ikollhom iġorru piż sinifikanti tal-awtorizzazzjoni tad-drittijiet. Hemm ukoll riskju għad-detenturi tad-drittijiet li x-xogħlijiet tagħhom u materjal protett ieħor tagħhom jiġu sfruttati mingħajr l-awtorizzazzjoni tagħhom jew ħlas lilhom,

(5) Id-drittijiet fejn jidħlu x-xogħlijiet u materjal protett ieħor huma armonizzati, fost l-oħrajn, bid-Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[15] u bid-Direttiva 2006/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[16].

(6) Id-Direttiva 93/83/KEE[17] tiffaċilita x-xandir transfruntier bis-satellita u t-trażmissjoni mill-ġdid bil-kejbil tal-programmi tat-televiżjoni u tar-radju minn Stati Membri oħra tal-Unjoni. Madankollu, id-dispożizzjonijiet ta' dik id-Direttiva dwar it-trażmissjonijiet tal-organizzazzjonijiet tax-xandir huma limitati għat-trażmissjonijiet bis-satellita u għalhekk ma japplikawx għas-servizzi online anċillari għax-xandir filwaqt li d-dispożizzjonijiet dwar trażmissjonijiet mill-ġdid tal-programmi tat-televiżjoni u tar-radju minn Stati Membri oħra huma limitati għat-trażmissjonijiet mill-ġdid simultanji, mhux mibdulin u mhux imqassrin bil-kejbil jew b'sistemi microwave u ma jestendux għat-trażmissjonijiet mill-ġdid permezz ta' teknoloġiji oħra.

(7) Għalhekk, il-forniment transfruntier tas-servizzi online anċillari għax-xandir u t-trażmissjonijiet mill-ġdid tal-programmi tat-televiżjoni u tar-radju li joriġinaw fi Stati Membri oħra għandhom jeħfiefu billi jiġi adattat il-qafas ġuridiku dwar l-eżerċizzju tad-drittijiet tal-awtur u ta' drittijiet relatati li huma rilevanti għal dawn l-attivitajiet.

---

15 Id-Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà tal-informazzjoni, ĠU L 167, 22.6.2001, p. 10-19.

16 [16]Id-Direttiva 2006/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar dritt ta' kiri u dritt ta' self u dwar ċerti drittijiet relatati mad-drittijiet tal-awtur fil-qasam tal-proprjetà intellettwali (verżjoni kodifikata), ĠU L 376, 27.12.2006, p. 28-35.

17 Id-Direttiva tal-Kunsill 93/83/KEE tas-27 ta' Settembru 1993 dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti regoli dwar id-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati ma' drittijiet tal-awtur applikabbli għal xandir bis-satellita u ritrażmissjoni bil-cable, ĠU L 248, 6.10.1993, p. 15-21.

(8) Is-servizzi online anċillari li jkopri dan ir-Regolament huma dawk tas-servizzi li joffru l-organizzazzjonijiet tax-xandir li għandhom rabta ċara u subordinata max-xandir. Dawn jinkludu s-servizzi li jagħtu aċċess għall-programmi tat-televiżjoni u tar-radju b'mod lineari u fl-istess waqt tax-xandir u s-servizzi li jagħtu aċċess, fi żmien definit wara x-xandira, għall-programmi tat-televiżjoni u tar-radju li tkun diġà xandret l-organizzazzjoni tax-xandir (l-hekk imsejħa servizzi tar-ripetizzjoni). Barra minn hekk, is-servizzi online anċillari jinkludu s-servizzi li jagħtu aċċess għal materjal li jagħni jew inkella jespandi l-programmi tat-televiżjoni u tar-radju li xandret l-organizzazzjoni tax-xandir, fosthom bi previżjoni, estensjoni, supplimentar jew reviżjoni tal-kontenut tal-programm rilevanti. L-għoti tal-aċċess għal xogħol individwali jew materjal protett ieħor individwi li jkun inkorporat fi programm tat-televiżjoni jew tar-radju ma għandux jitqies bħala servizz online anċillari. Bl-istess mod, l-għoti tal-aċċess għal xogħlijiet jew materjal protett ieħor b'mod indipendenti mix-xandir, bħalma huma s-servizzi li jagħtu aċċess għal xogħlijiet mużikali jew awdjoviżivi individwali, albums tal-mużika jew vidjos, ma jaqax taħt id-definizzjoni ta' servizz online anċillari.

(9) Sabiex teħfief l-awtorizzazzjoni tad-drittijiet għall-forniment tas-servizzi online anċillari bejn il-fruntieri, hemm bżonn jiġi previst it-twaqqif tal-prinċipju tal-pajjiż tal-oriġini fejn jidħol l-eżerċizzju tad-drittijiet tal-awtur u ta' drittijiet relatati li huma rilevanti għall-atti li jsiru waqt il-forniment tas-servizzi online anċillari, l-aċċess għalihom jew l-użu tagħhom. Il-prinċipju tal-pajjiż tal-oriġini għandu japplika esklussivament għar-rabta bejn id-detenturi tad-drittijiet (jew l-entitajiet li jirrappreżentawhom, bħalma huma l-organizzazzjonijiet tal-immaniġġjar kollettiv) u l-organizzazzjonijiet tax-xandir, u għandu japplika biss għall-fini tal-forniment tas-servizzi online anċillari, tal-aċċess għalihom jew tal-użu tagħhom. Il-prinċipju tal-pajjiż tal-oriġini ma għandux japplika għal xi komunikazzjoni sussegwenti lill-pubbliku jew għal riproduzzjoni tal-kontenut li jkun protett bid-drittijiet tal-awtur jew bi drittijiet relatati u li jkun jinsab fis-servizz online anċillari.

(10) Billi l-forniment tas-servizzi online anċillari, l-aċċess għalihom jew l-użu tagħhom jitqiesu li jseħħu biss fl-Istat Membru fejn l-organizzazzjoni tax-xandir għandha l-istabbiliment ewlieni tagħha, filwaqt li *de facto* s-servizzi online anċillari jistgħu jiġu pprovduti bejn il-fruntieri lil Stati Membri oħra, hemm bżonn li jkun żgurat li meta jiġu biex jaslu għall-ammont tal-ħlas li għandu jingħata għad-drittijiet inkwistjoni, il-partijiet għandhom iqisu l-aspetti kollha tas-servizz online anċillari bħall-karatteristiċi tas-servizz, l-udjenza, inkluż l-udjenza fl-Istat Membru fejn l-organizzazzjoni tax-xandir ikollha l-istabbiliment ewlieni tagħha u fi Stati Membri oħra fejn jiġi aċċessat u jintuża s-servizz online anċillari, kif ukoll il-verżjoni tal-lingwa.

(11) Bil-prinċipju tal-libertà kuntrattwali, se jkun jista' jibqa' jiġi limitat l-isfruttament tad-drittijiet milquta mill-prinċipju tal-pajjiż tal-oriġini stabbilit f'dan ir-Regolament, b'mod speċjali fejn jidħlu ċerti mezzi tekniċi tat-trażmissjoni jew ċerti verżjonijiet tal-lingwa, diment li dawn il-limitazzjonijiet fl-isfruttament ta' dawk id-drittijiet ikunu konformi mal-liġi tal-Unjoni.

(12) L-operaturi tas-servizzi tat-trażmissjoni mill-ġdid offruti bis-satelliti, bit-terrestri diġitali, b'netwerks taċ-ċirkwit magħluqin ibbażati fuq l-IPs, b'netwerks mobbli u b'netwerks simili, jipprovdu servizzi li huma ekwivalenti għal dawk li jipprovdu l-operaturi tas-servizzi tat-trażmissjoni mill-ġdid bil-kejbil meta dawn jittrażmettu mill-ġdid l-ewwel trażmissjoni tal-programmi tat-televiżjoni jew tar-radju minn Stat Membru ieħor, b'mod simultanju, b'mod mhux mibdul u b'mod mhux imqassar, biex jaslu għand il-pubbliku, meta din l-ewwel trażmissjoni ssir bil-fili jew fl-ajru, inkluż bis-satellita iżda mhux bit-trażmissjonijiet online, u tkun maħsuba biex tasal għand il-

pubbliku. Għaldaqstant dawn għandhom jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u jibbenefikaw mill-mekkaniżmu li jintroduċi l-immaniġġjar kollettiv obbligatorju tad-drittijiet. Is-servizzi tat-trażmissjoni mill-ġdid li jiġu offruti fuq l-internet miftuħ għandhom jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għax dawn is-servizzi għandhom karatteristiċi differenti. Dawn mhumiex marbutin ma' xi infrastruttura partikolari u l-kapaċità tagħhom li jiżguraw ambjent ikkontrollat hi limitata meta mqabbla pereżempju mad-distribuzzjoni bil-kejbil jew b'netwerks taċ-ċirkwit magħluqin ibbażati fuq l-IPs.

(13) Sabiex tingħata ċ-ċertezza legali lill-operaturi tas-servizzi tat-trażmissjoni mill-ġdid offruti bis-satellita, bit-terrestri diġitali, b'netwerks taċ-ċirkwit magħluqin ibbażati fuq l-IPs, b'netwerks mobbli jew b'netwerks simili, u sabiex jingħelbu d-differenzi fil-liġi nazzjonali rigward dawn is-servizzi tat-trażmissjoni mill-ġdid, għandhom japplikaw regoli simili għal dawk li japplikaw għat-trażmissjoni mill-ġdid bil-kejbil kif definit fid-Direttiva 93/83/KEE. Ir-regoli stabbiliti f'dik id-Direttiva jinkludu l-obbligu li jiġi eżerċitat id-dritt li tingħata jew tiġi rrifjutata awtorizzazzjoni lil xi operatur ta' servizz tat-trażmissjoni mill-ġdid permezz ta' organizzazzjoni tal-immaniġġjar kollettiv. Dan isir mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2014/26/UE[18] u b'mod partikolari għad-dispożizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mad-drittijiet tad-detenturi tad-drittijiet fejn tidħol l-għażla ta' organizzazzjoni tal-immaniġġjar kollettiv.

(14) Kull dritt miżmum mill-organizzazzjonijiet tax-xandir stess fejn jidħlu x-xandiriet tagħhom, inkluż id-drittijiet fil-kontenut tal-programmi, għandu jiġi eżentat mill-immaniġġjar kollettiv obbligatorju tad-drittijiet applikabbli għat-trażmissjonijiet mill-ġdid. Ġeneralment l-operaturi tas-servizzi tat-trażmissjoni mill-ġdid u l-organizzazzjonijiet tax-xandir ikollhom relazzjonijiet kummerċjali kontinwi tant li l-operaturi tas-servizzi tat-trażmissjoni mill-ġdid ikunu jafu l-identità tal-organizzazzjonijiet tax-xandir, u għalhekk il-ħidma mal-organizzazzjonijiet tax-xandir biex tinkiseb l-awtorizzazzjoni tad-drittijiet hija relattivament sempliċi. B'hekk, biex jiksbu l-liċenzji meħtieġa mingħand l-organizzazzjonijiet tax-xandir, l-operaturi tas-servizzi tat-trażmissjoni mill-ġdid ma jġorrux l-istess piż daqs meta jkunu jridu jiksbu liċenzji mingħand id-detenturi tad-drittijiet tax-xogħlijiet u ta' materjal protett ieħor li jkunu inklużi fil-programmi tat-televiżjoni u tar-radju trażmessi mill-ġdid. Għalhekk il-proċess tal-liċenzjar ma jeħtieġx simplifikazzjoni fejn jidħlu d-drittijiet miżmuma mill-organizzazzjonijiet tax-xandir.

(15) Sabiex tkun evitata ċirkonvenzjoni tal-applikazzjoni tal-prinċipju tal-pajjiż tal-oriġini bl-estensjoni tal-perjodu taż-żmien tal-ftehimiet eżistenti dwar l-eżerċizzju tad-drittijiet tal-awtur u ta' drittijiet relatati li huma rilevanti għall-forniment tas-servizzi anċillari online, għall-aċċess għalihom jew għall-użu tagħhom, hemm bżonn li l-prinċipju tal-pajjiż tal-oriġini jiġi applikat ukoll għall-ftehimiet eżistenti iżda b'perjodu tranżitorju.

(16) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Filwaqt li jista' jkun hemm indħil fl-eżerċizzju tad-drittijiet tad-detenturi tad-drittijiet sa fejn l-immaniġġjar kollettiv obbligatorju huwa meħtieġ għall-eżerċizzju tad-dritt tal-komunikazzjoni lill-pubbliku fejn tidħol it-trażmissjoni mill-ġdid, hemm bżonn li din il-kundizzjoni tiġi preskritta b'mod immirat għal servizzi speċifiċi u b'mod li jkun

[18] Id-Direttiva 2014/26/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-immaniġġjar kollettiv tad-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati u ħruġ ta' liċenzji multiterritorjali ta' drittijiet f'xogħlijiet mużikali għall-użu onlajn fis-suq intern, ĠU L 84, 20.3.2014, p. 72-98.

jista' jsir tixrid usa' transfruntier tal-programmi tat-televiżjoni u tar-radju billi teħfief l-awtorizzazzjoni ta' dawn id-drittijiet.

(17) Sabiex jintlaħaq l-għan li ssir promozzjoni tal-forniment transfruntier tas-servizzi online anċillari u li teħfief it-trażmissjoni mill-ġdid tal-programmi tat-televiżjoni u tar-radju li joriġinaw fi Stati Membri oħra, jixraq li jiġi adottat Regolament li japplika direttament fl-Istati Membri. Ir-Regolament hemm bżonnu wkoll biex ikun żgurat li ssir applikazzjoni uniformi tar-regoli madwar l-Istati Membri u li dawn jidħlu fis-seħħ fl-istess ħin fejn jidħlu t-trażmissjonijiet u t-trażmissjonijiet mill-ġdid konċernati kollha. L-applikabbiltà diretta tar-Regolament tnaqqas il-frammentazzjoni legali u tipprovdi aktar uniformità billi ddaħħal sett armonizzat ta' regoli li jippromwovu ċ-ċirkolazzjoni ħielsa tal-programmi tat-televiżjoni u tar-radju li joriġinaw fi Stati Membri oħra.

(18) Wara li r-Regolament ikun ilu fis-seħħ għal perjodu taż-żmien, dan għandu jsirlu rieżami biex jiġi vvalutat, fost l-oħrajn, kemm żdied il-forniment transfruntier tas-servizzi online anċillari għall-benefiċċju tal-konsumaturi Ewropej u b'hekk ukoll għall-benefiċċju li titjieb id-diversità kulturali fl-Unjoni.

(19) Billi l-għan ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li ssir promozzjoni tal-forniment transfruntier tas-servizzi online anċillari u li jeħfiefu t-trażmissjonijiet mill-ġdid tal-programmi tat-televiżjoni u tar-radju li joriġinaw fi Stati Membri oħra, ma jistax jintlaħaq biżżejjed mill-Istati Membri, u għalhekk jista' jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni minħabba l-iskala u l-effetti tiegħu, l-Unjoni tista' tadotta miżuri b'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. B'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità kif stabbilit fl-istess Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak meħtieġ biex jintlaħaq l-għan tiegħu. Fejn jidħol il-forniment transfruntier tas-servizzi online anċillari, dan ir-Regolament jistabbilixxi mekkaniżmi ta' appoġġ li jiffaċilitaw l-awtorizzazzjoni tad-drittijiet tal-awtur u ta' drittijiet relatati. Dan ir-Regolament ma jobbligax lill-organizzazzjonijiet tax-xandir biex jipprovdu dawn is-servizzi bejn il-fruntieri. Dan ir-Regolament lanqas ma jobbliga lill-operaturi tas-servizzi tat-trażmissjoni mill-ġdid biex fis-servizzi tagħhom jinkludu programmi tat-televiżjoni jew tar-radju li joriġinaw fi Stati Membri oħra. Dan ir-Regolament jikkonċerna biss l-eżerċizzju ta' ċerti drittijiet tat-trażmissjoni mill-ġdid sakemm ikun meħtieġ għas-simplifikazzjoni tal-liċenzjar tad-drittijiet tal-awtur u ta' drittijiet relatati għal dawn is-servizzi, u rigward biss il-programmi tat-televiżjoni u tar-radju li joriġinaw fi Stati Membri oħra tal-Unjoni,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1
Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw dawn id-definizzjonijiet:

(a) "servizz online anċillari" tfisser servizz online li jikkonsisti fil-forniment lill-pubbliku, minn organizzazzjoni tax-xandir jew bil-kontroll u bir-responsabbiltà tagħha, ta' programmi tat-televiżjoni jew tar-radju b'mod simultanju max-xandira tal-organizzazzjoni tax-xandir jew wara perjodu taż-żmien definit mix-xandira, kif ukoll ta' kull materjal prodott mill-organizzazzjoni tax-xandir jew għaliha li jkun anċillari għal dan ix-xandir;

(b) "trażmissjoni mill-ġdid" tfisser trażmissjoni mill-ġdid simultanja, mhux mibdula u mhux imqassra, minbarra t-trażmissjoni mill-ġdid bil-kejbil kif definit fid-Direttiva 93/83/KEE u minbarra t-trażmissjoni mill-ġdid provduta b'servizz tal-aċċess għall-internet kif definit fir-Regolament (UE) Nru 2015/2120 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[19], bil-ħsieb li l-pubbliku jirċievi l-ewwel trażmissjoni minn Stat Membru ieħor bil-fili jew fl-arja, inkluż bis-satellita iżda mhux bi trażmissjoni online, tal-programmi tat-televiżjoni jew tar-radju maħsuba biex jaslu għand il-pubbliku, diment li din it-trażmissjoni mill-ġdid tagħmilha parti oħra għajr l-organizzazzjoni tax-xandir li tkun għamlet l-ewwel trażmissjoni jew diment li din it-trażmissjoni tkun saret bil-kontroll u bir-responsabbiltà tagħha.

Artikolu 2

L-applikazzjoni tal-prinċipju tal-pajjiż tal-oriġini għas-servizzi online anċillari

(1) L-atti tal-komunikazzjoni lill-pubbliku u tad-disponibbiltà li jseħħu waqt il-forniment tas-servizz online anċillari minn organizzazzjoni tax-xandir jew bil-kontroll u bir-responsabbiltà tagħha kif ukoll l-atti tar-riproduzzjoni li huma meħtieġa għall-forniment tas-servizzi online anċillari, l-aċċess għalihom jew l-użu tagħhom, għall-finijiet tal-eżerċizzju tad-drittijiet tal-awtur u ta' drittijiet relatati li huma rilevanti għal dawn l-atti, għandhom jitqiesu li qed iseħħu biss fl-Istat Membru fejn l-organizzazzjoni tax-xandir għandha l-istabbiliment ewlieni tagħha.

(2) Meta jiġu biex jiffissaw l-ammont tal-ħlas li għandu jingħata għad-drittijiet skont il-prinċipju tal-pajjiż tal-oriġini kif stabbilit fil-paragrafu 1, il-partijiet għandhom jikkunsidraw l-aspetti kollha tas-servizz online anċillari bħalma huma l-karatteristiċi tas-servizz online anċillari, l-udjenza, u l-verżjoni tal-lingwa.

Artikolu 3

L-eżerċizzju tad-drittijiet fit-trażmissjoni mill-ġdid mid-detenturi tad-drittijiet għajr l-organizzazzjonijiet tax-xandir

(1) Id-detenturi tad-drittijiet tal-awtur u ta' drittijiet relatati għajr l-organizzazzjonijiet tax-xandir jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom biex jagħtu jew jirrifjutaw l-awtorizzazzjoni għal trażmissjoni mill-ġdid biss permezz ta' organizzazzjoni tal-immaniġġjar kollettiv.

(2) Meta detentur ta' dritt ma jkunx ittrasferixxa l-immaniġġjar tad-dritt imsemmi fil-paragrafu 1 lil organizzazzjoni tal-immaniġġjar kollettiv, l-organizzazzjoni tal-immaniġġjar kollettiv li timmaniġġja d-drittijiet tal-istess kategorija fit-territorju tal-Istat Membru li għalih l-operatur tas-servizz tat-trażmissjoni mill-ġdid ikun qed jipprova jikseb awtorizzazzjoni tad-drittijiet għal trażmissjoni mill-ġdid, għandha titqies li għandha l-mandat biex timmaniġġja d-dritt f'isem dan id-detentur tad-dritt.

(3) Meta jkun hemm aktar minn organizzazzjoni waħda tal-immaniġġjar kollettiv li tkun qed timmaniġġja d-drittijiet ta' dik il-kategorija fit-territorju ta' dak l-Istat Membru, id-detentur tad-drittijiet għandu jkun liberu li jagħżel liema minn dawk l-organizzazzjonijiet tal-immaniġġjar kollettiv għandu jkollha l-mandat li timmaniġġja d-dritt tiegħu. Jekk f'din is-sitwazzjoni, id-detentur tad-dritt ma jagħżel l-ebda

[19] Ir-Regolament (UE) 2015/2120 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi miżuri dwar aċċess għal internet miftuħ u li jemenda d-Direttiva 2002/22/KE dwar servizz universali u d-drittijiet tal-utenti li jirrelataw ma' netwerks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u r-Regolament (UE) Nru 531/2012 dwar roaming fuq netwerks pubbliċi ta' komunikazzjoni mobbli fi ħdan l-Unjoni, ĠU L 310, 26.11.2015, p. 1.

organizzazzjoni tal-immaniġġjar kollettiv, għandu jitħalla f'idejn l-Istat Membru li għat-territorju tiegħu l-operatur tas-servizz tat-trażmissjoni mill-ġdid ikun qed jipprova jikseb awtorizzazzjoni tad-drittijiet għal trażmissjoni mill-ġdid, biex jindika liema organizzazzjoni tal-immaniġġjar kollettiv hi meqjusa li għandha l-mandat biex timmaniġġja d-dritt ta' dak id-detentur tad-dritt.

(4) Detentur ta' dritt għandu jkollu l-istess drittijiet u obbligi li joħorġu mill-ftehim bejn l-operatur tas-servizz tat-trażmissjoni mill-ġdid u l-organizzazzjoni tal-immaniġġjar kollettiv li hi meqjusa li għandha l-mandat biex timmaniġġja d-dritt tiegħu, daqs id-detenturi tad-drittijiet li jkunu taw il-mandat lil dik l-organizzazzjoni tal-immaniġġjar kollettiv, u dan għandu jkun jista' jinvoka dawk id-drittijiet fi żmien perjodu taż-żmien stabbilit mill-Istat Membru konċernat li ma jkunx iqsar minn tliet snin mid-data tat-trażmissjoni mill-ġdid li tittrażmetti x-xogħol tiegħu jew xi materjal protett ieħor tiegħu.

(5) Stat Membru jista' jipprovdi li, meta detentur ta' dritt jawtorizza l-ewwel trażmissjoni fit-territorju tiegħu ta' xogħol jew materjal protett ieħor, dan id-detentur tad-dritt għandu jitqies li jkun qabel li ma jeżerċitax id-drittijiet tiegħu ta' trażmissjoni mill-ġdid fuq bażi individwali iżda li jeżerċitahom skont id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 4

L-eżerċizzju tad-drittijiet fit-trażmissjoni mill-ġdid mill-organizzazzjonijiet tax-xandir

L-Artikolu 3 ma japplikax għad-drittijiet eżerċitati minn organizzazzjoni tax-xandir għar-rigward ta' trażmissjoni tagħha stess, irrispettivament minn jekk id-drittijiet inkwistjoni jkunux tagħha jew ikunux ġew ittrasferiti lilha mingħand detenturi oħrajn tad-drittijiet tal-awtur jew ta' drittijiet relatati.

Artikolu 5

Dispożizzjoni tranżitorja

Il-ftehimiet dwar l-eżerċizzju tad-drittijiet tal-awtur u ta' drittijiet relatati li huma rilevanti għall-atti tal-komunikazzjoni lill-pubbliku u għall-atti tad-disponibbiltà li jseħħu waqt il-forniment ta' servizz online anċillari kif ukoll għall-atti tar-riproduzzjoni li huma meħtieġa għall-forniment ta' servizz online anċillari, l-aċċess għalih jew l-użu tiegħu li jkunu fis-seħħ fi [*the date mentioned in Article 7(2), to be inserted by OPOCE*] għandhom ikunu soġġetti għall-Artikolu 2 minn [*the date mentioned in Article 7(2) + 2 years, to be inserted by OPOCE*], jekk dawn ikunu jiskadu wara dik id-data.

Artikolu 6

Ir-rieżami

(1) Sa mhux aktar tard minn [*3 years after the date mentioned in Article 7(2) to be inserted by OPOCE*], il-Kummissjoni għandha tagħmel rieżami ta' dan ir-Regolament u tippreżenta rapport fuq is-sejbiet ewlenin lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew.

(2) Għat-tħejjija tar-rapport imsemmi fil-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa lill-Kummissjoni.

Artikolu 7
Dispożizzjonijiet finali

(1) Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(2) Dan għandu japplika minn [*6 months following the day of its publication, to be inserted by OPOCE*].

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*